RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa F38**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Hamis 9 ta' Frar 2012 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frans Chircop | Kunsillier |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F37**

1.01 Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F37 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Grech. Il-minuti gew approvati. — Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F37

**2.00 Korrezzjonijiet F37**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. — Korrezzjonijiet F37

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F36**

3.01 3.01 Is-Sindku Alexander Craus informa l-laqgha li kien sar xi xoghol ta' tindif fuq il-wied tal-Bahrija mill-Ministeru.ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali. Hu kompla billi qal li l-bdiewa jinsabu kuntenti bix-xogholijiet li saru s'issa. — Ittra mibghuta lil Onor. Ministru Pullicino

Is-Sindku qal wkoll li jixtieq jiehu din l-opportunita sabiex jirringrazzja hafna lis-Sur Joseph Borda, ghaliex kif l-kunsill ikkuntatjah dan mill-ewwel ha l-azzjoni mehtiega. Hu qal li kieku ma kienx ghal l-intervent f'waqtu li ha is-Sur Borda, kieku diversi bdiewa ma kienx ikun possibli li jidhlu fl-ghelieqi taghhom. Is-Sindku talab li kopja ta' dawn il-minuti ghanda tinbaghat lis-Sur Borda. Il-Kunsill qabel.



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

3.02 4.01 Is-Sindku Alexander Craus nforma l-laqgha li x-xogholijiet infrastrutturali fi Triq San Martin u Triq Doni l-Qadima kienu mexjien. Hu qal li Sqaq San Martin nofsu tlesta, issa baqa l-parti l-ohra pero minhabba l-maltemp ix-xoghol kellu jieqaf.

Xogholijiet infrastrutturali Triq San Martin u Triq Doni l-Qadima

3.03 4.06 Is-Sindku nforma l-laqgha li x-xoghol ta' kisi mil-gdid fuq parti mit-triq ta' Misrah Sufara kien tlesta. Hu qal li r-residenti ta' Misrah Sufara apprezzaw ferm l-intervent tal-kunsill.

Misrah Sufara biex issir bit-tarmak.

3.04 4.07 Is-Sindku nforma l-laqgha li t-tarmak quddiem il-bieb ta' din ir-residenta kien sar. Hu kompla billi qal li din r-residenta rringrazzjak hafna lil kunsill tal-intervent tieghu ghax wara disa' xhur setghet terga tohrog mid-dar.

Residenta Bieb Ruwa

3.05 5.02 Is-Sindku Alexander Craus qal li l-kurduna sfrundata fi Triq Konti Ruggieru hdejn ta' Peter kienet saret.

Kurduna sfrundata Triq Konti Ruggieru

3.06 5.04 Is-Sindku nforma il-laqgha li l-mera ta'. Triq il-Buskett qabel ma tibda in-nizla tal-buskett kienet giet ordna u kellha titwahhal fil-jiem li gejjien.

Mera go Triq il-Buskett

3.07 5.07 Is-Sindku Alexander Craus informa l-laqgha li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienu ghamlu l-verifikazzjoni kollha dwar l-korrispondenza imsemmija mil-Kunsillier Rudolf Grima. Hu kompla billi qal li l-korrispondenza tas-Sur Paul Azzopardi kienet waslet ghand is-Segretarju Ezekuttiv u anke kienet ittiehdet l-azzjoni mehtiega. L-applikazzjoni ghal bozza gdida kienet saret u anke nbghatet kopja taghha lis-Sur Azzopardi flimkien mal-kopja tal-'acknowledgement' li l-kunsill kien ircieva minghand l-Koporazzjoni Enemalta.

Korrispondenza dwar installazzjoni ta' bozza gdida

Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsillier Rudolf Grima dwar il-kaz, u hu kellu jispjega lis-Sur Azzopardi fejn kien wasal l-kaz tieghu.

** Il-Kunsillier Antoine Borg dahal ghal-laqgha fis-7.40 p.m.

3.08 15.00 Is-Sindku Alexander Craus informa l-laqgha li l-kunsill kien applika ghal din l-iskema (Memo 120/2011) u dan wara li s-Segretarju Ezekuttiv kienet tkellmet mal-librar u flimkien raw xi bzonnijiet hemm fil-librerija.

Memo 120/2011 – Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabilita' ta' Librerija Lokali/Regjonali

Il-librar informa lis-Segretarju Ezekuttiv dwar il-bzonn li jitwahhlu 'wall mounted fans' ghaliex fil-prezent hemm biss fan wahda ghal-librerija kollha. Hu qal ukoll li hemm bzonn li tigi irrangata jew mibdulha l-'hard drive' tal-komputer li jaghmel uzu minnu l-pubbliku ghaliex dan jinsab bil-hsara.

## 4.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza

4.01 Is-Sindku Alexander Craus informa il-laqgha li l-kunsill kien issottometa l-applikazzjoni tieghu ghal l-iskema ta' finanzjament ghal restawr ta' postijiet storici zghar (Memo 122/2011). L-applikazzjoni saret biex jigu restawrati tlett nicec li jinsabu Triq Doni u Triq Doni l-Qadima. Tnejn min dawn in-nicec huma ta' San Pawl u n-nicca l-ohra hija tal-Kuncizzjoni.

Skema ta' Finanzjament ghal Restawr ta' Postijiet Storici Zghar (Memo 122/2011)

** Il-Kunsilliera Rudolf Grima u Robert Micallef dahhlu ghal-laqgha fis-8.00 p.m.

4.02 Is-Sindku Alexander Craus informa l-laqgha li l-kunsill kien ircieva kont ta' €450 ghal xoghol ta' tindif li sar fi Triq Ghajn Kajjet mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali. Fl-ittra tieghu id-Direttorat qed jghid li dan ix-xoghol ta' tindif sar wara li l-Kunsill naqas li jaghmel dan fi zmien stipulat.

Kont mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali ghat-tindif ta' Triq Ghajn Kajjet

Is-Sindku ppropona li dan il-hlas jsir bi protesta. Huwa sostna li b'dan l-attegjament qed tonqos l-awtonomija tal-kunsill. Issekonda din l-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva.

4.03 Is-Sindku nforma il-laqgha li l-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu' kien ghamel applikazzjoni mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex jitnehhew tlett arbli li jinsabu

Trinka KA Virtu'

f'nofs il-bankina ta' Triq l-Buskett. Huwa qal li l-Korporazzjoni Enemalta nfurmat lil KA li it-trinka trid issir ghas-spejjes tal-KA filwaqt li l-'cables' u l-arbli ssiru ghas-spejjes tal-korporazzjoni

Il-Kunsill qabel li l-ewwel jingabru tlett stimi biex naraw ix-xoghol fuq din it-trinka kemm ser jigi jiswa.

4.04 Is-Sindku nforma l-laqgha li f'ittra mibghutha mill-Kunsill Malti ghall-iSport, il-kunsill gie infurmat li kienet intlaqa' t-talba li saret mil-Island Car Club biex jinxtarw u jigi nstallati 'barriers' fit-Triq l-Imtahleb. Hu kompla billi qal li KMS qed titlob li l-Malta Motorsport Federation u l-Kunsill Lokali tar-Rabat ghandhom jistipulaw numru minimu ta' avvenimenti fis-sena ghal numru stabbilit ta' snin.

*Xiri u nstallazzjoni ta' 'barriers' fit-Triq l-Imtahleb mill-Kunsill Malti ghall-iSport*

Is-Sindku ppropona li ICC torganizza erba tlielaq fl-istagun tal-'Hill Climb' gewwa l-Imtahleb. Id-dati ta' dawn l-erba tlielaq irridu jigu decizi bi ftehim mal-Kunsill u bil-miktub qabel ma jiftah l-istagun tal-'Hill Climb'. Hu ppropona ukoll li l-manutenzjoni ta' dawn l-'barriers' issir mill-Kunsill pero ma' jkunx responsabbli jekk dawn jitkissru jew issirilhom hsara waqt xi tigrija. Hu qal li f'din l-eventwalita l-ICC ghandha tiehu l-inkarigu li ssewwi l-hsarat. Issekonda din l-proposta il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill approva.

4.05 Is-Sindku Alexander Craus qal li kienet saret talba minn Lehen il-Komunita' Guzeppina, fejn kienu qed jitolbu ghajnuna lil kunsill billi jaghmel riklam bil-logo tieghu fuq materjal pubblicitarju li ser johrog ghal-Festa ta' San Guzepp.

*Talba minn Lehen il-Komunita' Guzeppina*

Is-Sindku ppropona li l-kunsill jaghmel riklam bil-logo li jkun ta' pagna shiha A4 bil-kulur, ghal prezz ta' €170. Issekondat din l-proposta il-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill approva.

4.06 Is-Sindku nforma l-laqgha li kienet saret talba mil-Goplc sabiex jarmaw Mobile Retail Truck nhar is-Sibt u l-Hadd 3 u 4 ta Marzu go Triq Santa Rita jew fil-Pjazza ta' San Pawl.

*'Mobile Retail Truck' tal-Goplc.*

Il-Kunsill ma' laqax it-talba ta' Goplc u dan minhabba l-fatt li nhar ta' Hadd go Triq Santa Rita ikun hemm mil-monti. Il-Kunsill qabel li l-permess jinhareg gewwa l-Pjazza tal-Parrocca hdejn il-Wignacourt Museum.

4.07 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-kunsill sabiex issir zewg bozzoz fi Gnien Fierez u zewg bozzoz ohra go Triq l-Fiddien.

*Installazzjoni ta' bozzoz godda fi Gnien Fierez u Triq l-Fiddien.*

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' dawn il-bozzoz godda. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Antoine Borg. Il-Kunsill approva.

4.08 Is-Sindku Alexander Craus ppropona li jitwaqqaf Sotto Kumitat li jkun responsabbli mill-attivitajiet kulturali u Sotto Kumitat iehor li jkun responsabbli mill-'Motor Sports Festival'. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Antoine Borg. Il-Kunsill approva.

*Twaqqif ta' Sotto Kumitat.*

**5.00 Komunikazzjoni mil-Kunsilliera**

5.01 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li hemm bzonn li jinqata l-haxix hazin Triq il-Kullegg. Il-Kunsill qabel.

*Qtugh ta' haxix fi Triq l-Kullegg*

5.02 Il-Kunsillier Robert Micallef issugerixxa li tinqala l-parti mit-'traffic calmer' li hemm go Triq Doni. Dan minhabba l-fatt li l-ilma tax-xita mhux qed ikollu minn fejn jghaddi u ghalhekk qed ikun hemm ghadira kbira li taghmilha difficli biex wiehed ikun jista' jaqsam it-triq. Il-Kunsill qabel.

*Tnehhija ta' parti mit-'traffic calmer' ta' Triq Doni.*

5.03 Il-Kunsillier Robert Micallef qal li l-ewwel bozza kif tikser ghal go Triq San Publiju qeghda tixghel u titfi.

*Bozza kif tikres ghal go Triq San Publiju*

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ser tiehu azzjoni sabiex l-imsemmija bozza tigi

rrangata.

5.04 Il-Kunsillier Antoine Borg ippropona li applikazzjoni mat-TM sabiex issir 'zebra cross' go Triq it-Tabija minhabba l-fatt li din it-triq hija perikoluza hafna biex wiehed jaqsam. 'Zebra Cross' Triq it-Tabija

Is-Sindku Alexander Craus qal li xi sitt snin ilu kienet diga saret applikazzjoni ghal din iz-'zebra cross', izda din l-applikazzjoni giet rifjutata min TM. Il-Kunsill qabel li terga tinbaghat applikazzjoni ohra.

5.05 Il-Kunsillier Antoine Borg talab li iz-'zebra cross' ta' Triq Gorg Borg Olivier timxi b'numru ta' metri. Hu qal li din iz-'zebra cross' qeghda kwazi f'kantuniera b'konsegwenza li l-karozzi li johorgu min Triq l-Kullegg qed issibu din iz-'zebra cross' ma wicchom. 'Zebra Cross' ta' Triq Gorg Borg Olivier.

Is-Sindku qal li 'zebra cross' ohra perikoluza hija dik ta' mar-'roundabout' tal-Monument ta' San Guzepp li hemm hdejn l-Ghalqa ta' Kola. 'Zebra Cross hdejn l-Ghalqa ta' Kola.

Il-Kunsill qabel li ghanda tintbaghat ittra lil TM dwar l-imsemmija 'zebra crossing'

5.06 Il-Kunsillier Antoine Borg talab li l-kunsill ghandu jerga jikteb lil Tm dwar il-'parker' li qed ikun hemm l-Ghalqa ta' Kola. Hu qal li hemm ma hemmx bzonn l-assistenza ta' 'parker'. 'Parker' tal-Ghalqa ta' Kola

Il-Kunsill qabel li terga tintbaghat ittra lil TM.

**6.00 Mozzjoni 0001/12 – 'Residents Parking Scheme' fil-Pjazza ta' quddiem l-appartamenti t'Gheriexem** Mozzjoni 0001/12 – 'Residents Parking Scheme' fil-Pjazza ta' quddiem l-appartamenti t'Gheriexem

6.01 Is-Sindku Alexander Craus ipprezenta mozzjoni 0001/12. Kopja ta' din l-mozzjoni tinsab annessa ma' dawn l-minuti.

Din l-mozzjoni tipprovdi biex issir skema ta' parkegg ghar-residenti. Peress li kienet ittiehdet decizzjoni dwar dan fis-seduta F35 tal-10 ta' Novembru 2011. Is-Sindku ressaq din l-mozzjoni bhala rizoluzzjoni specjali fejn kienet sekondata kif mitlub mill-ligi. Dan sabiex tkun tista tigi revokata d-decizzjoni precedent tal-10 ta' Novembru 2011.

Il-Kunsillier Robert Micallef qal li ghalkemm hu stess ma kienx qabel ma din il-proposta, jhoss li hemm bzonn li din l-iskema tidhol fis-sehh pero mhux il-hin kollu tal-gurnata. Huwa zied jghid li minkejja dan, xorta wahda jemmen li hemm bzonn li jkun hemm ezercizzju fejn jigi studjat bis-serjeta t-traffiku fil-lokalita'.

Is-Sindku Alexander Craus irrimarka li saret ukoll applikazzjoni sabiex fi Triq l-Wesgha tal-Muzew faccatta tal-'Peristyle Restaurant' tintuza wkoll ghal parkegg tal-karozzi. Hu qal li it-talba qed issir sabiex bejn it-8.00p.m u 8.00a.m ikun jista jsir parkegg fejn hemm il-'loading/unloading' tal-'mini buses'/'coaches' tat-turisti ghaliex f'dawn il-hinijet ma jkunx hemm uzu minn dawn l-imsemmija 'bays'.

Il-Kunsillier Antoine Borg qal li jaqbel fil-principju izda staqsa xi qed infissru bil-kelma residenti. Saqsa ukoll kif ser nirrigolizzaw jekk jipparkjawx ir-residenti taz-zona jew ir-residenti rabtin kollha.

Is-Sindku qal li ser ikunu jistghu jipparkjaw ir-residenti rabtin kollha. Huwa qal ukoll li jekk jipparkjaw residenti rabtin kollha, dawn aktarx wara ftit jitilqu u l-post jibqa vojt ghar-residenti taz-zona.

Il-Kunsillier Antoine Borg ippropona li jkun stabilit min huma r-residenti, il-hinijiet u l-granet. Hu kompla li familjari tal-anzjani tal-akwata xorta mhux ser ikunu jistghu jipparkjaw.

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi semma kif din ser tolqot in-negozju.

Il-Kunsillier Robert Micallef spjega li din hija mozzjoni miftuha ghad-diskussjoni u rridu naraw kif l-ahjar li tiddahhal biex ma tolqotx hazin lin-negozju fiz-zona.

Gie propost li bhala principju ghandu jigi stabilit li n-'non residents' huma dawk li m'humiex rabtin u li din l-iskema tiddahhalbil-hinijiet.

Il-Kunsillier Rudolf Grima qal li skemi bhal dawn ghandhom jiddahhlu jekk jigu mitluba u mhux ghax din il-materja tigi diskussa fil-kunsill.

Is-Sindku Alexander Craus ppropona li l-Kunsill jiehu parir minghand Transport Malta dwar kif l-ahjar li tigi mhaddma din l-iskema. Il-Kunsill qabel.

**7.00 Minuti Kumitat Amministattiv Bahrija A15**

7.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Bahrija A15 jittiehdu bhala moqrija. Il-Vici Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Bahrija A15

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jigi skuzat fis-9.25 p.m.

**8.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

8.01 Is-Segretarju Ezekuttiv talbet li jinhareg il-pagament lil F. Azzopardi & Associates Ltd li l-ammont tieghu huwa ta' €20,000. Dan minhabba li sal-15 ta' Frar l-Kunsill irrid jipprezenta lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali r-rapport dwar lokalitajiet sostenibbli flimkien mal-ircevuta fiskali tal-pagament. Peress li dan il-pagament ma lahaqx dahal mal-iskeda tal-hlasijiet numru 205, is-Segreatarju Ezekuttiv talbet li dan il-hlas jidahal fl-iskeda tal-hlasijiet li jmiss. Il-Kunsill approva Nem.Con.

L-iskeda tal-hlasijiet numru 205

8.02 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 205 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jigi skuzat fis-9.35 p.m.

**9.00 Aggornament**

9.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 8 ta' Marzu 2012 fis-7.00 p.m.

Aggornament

9.02 Il-laqgha ntemmet fil-9.40 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**